

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tat-8 ta' Lulju 2014****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2014 tal-Irlanda u li twassal l-opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Irlanda 2014**

(2014/C 247/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tiġi mnedija strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tinħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi għall-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi⁽³⁾, li flimkien jiffurmaw il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-ekonomija u tal-impjiegi.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovi qafas koerenti għal azzjoni fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell taż-żona tal-euro bl-użu tal-lievi, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fuq il-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew impenn sħiħ biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ Miżmuma għall-2014 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/322/UE tas-6 ta' Mejju 2014 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi għall-2014 (ĠU L 165, 4.6.2014, p. 49).

- (4) L-Irlanda kienet soġġetta għal programm ta' aġġustament makroekonomiku sa Diċembru 2013. Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, hija kienet għalhekk eżenti mill-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għad-durata ta' dan il-programm. Fid-dawl tat-tlestija b'suċċess tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku, l-Irlanda għandha issa tkun integrata b'mod sħiħ fil-qafas tas-Semestru Ewropew.
- (5) Fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2014 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Barra minn hekk, fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija.
- (6) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet li jiżguraw stabbiltà finanzjarja, konsolidament fiskali u azzjoni biex jissaħħaħ it-tkabbir. Il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li jissokta l-konsolidament fiskali differenzjat u favur it-tkabbir, sabiex il-kundizzjonijiet ta' self għall-ekonomija jergġhu lura għan-normal, jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, jiġu trattati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex l-amministrazzjoni pubblika tiġi mmodernizzata.
- (7) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni ppublikat ir-riżultati tal-eżami mill-ġdid fil-fond tagħha għall-Irlanda, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 u li jqis it-tlestija b'suċċess tal-programm Irlandiż ta' aġġustament ekonomiku u għaldaqstant il-fatt li l-Irlanda għandha issa tkun kompletament integrata fil-qafas tas-Semestru Ewropew. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslet biex jiġi konkluż li l-programm Irlandiż ta' aġġustament makroekonomiku li tlesta reċentament kien strumentali għall-ġestjoni tar-riskji ekonomiċi u għat-tnaqis tal-iżbilanċi. Madankollu, l-iżbilanċi makroekonomiċi li jfdal jeħtieġu monitoraġġ speċifiku u azzjoni politika deċiżiva. B'mod partikolari, l-iżviluppi fis-settur finanzjarju, id-dejn tas-settur privat u dak pubbliku, u marbut ma' dan, l-obbligi esterni netti u s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ifissru li għad hemm riskji preżenti.
- (8) Fis-17 ta' April 2014, l-Irlanda ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2014 u, fid-29 ta' April 2014, il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2014. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi kienu vvalutati fl-istess waqt.
- (9) L-oġġettivi prinċipali tal-istrateġija baġitarja spjegati fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2014 huma li d-defiċit eċċessiv ikun korrett sal-2015, u li l-oġġettiv tat-terminu medju jintlaħaq sal-2018. Il-Programm ta' Stabbiltà jimmira għal defiċit taħt it-3% tal-PDG sal-2015, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-oġġettiv fuq terminu medju ta' pożizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini strutturali, li huwa konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Wara l-2015, il-Programm ta' Stabbiltà jstabbilixxi tnaqqis fid-defiċit nominali fiskali ta' madwar punt perċentwal tal-PDG fis-sena fl-2016–2018. Huwa għandu l-għan li jnaqqas id-dejn minn kważi 124% tal-PDG fl-2013 għal 107% tal-PDG fl-2018. Ix-xenarju makroekonomiku sottostanti tal-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà ġie approvat bħala "fil-firxa tal-projezzjonijiet xierqa" minn korp indipendenti (il-Kunsill Fiskali Konsultattiv Irlandiż). B'mod ġenerali huwa konformi mal-previżjoni tal-Kummissjoni għall-2014 u l-2015, b'ċerti differenzi fil-kontribuzzjonijiet tal-komponenti tad-domanda. Madankollu, il-previżjoni tal-awtoritajiet għall-aħħar snin tal-Programm ta' Stabbiltà hija ottimista. Barra minn hekk, il-kisba tal-miri baġitarji mhix appoġġata minn miżuri suffiċjentement dettaljati fl-2015. B'riżultat ta' dan, il-previżjoni tad-defiċit tal-Kummissjoni għall-2015 hija li ser ikun ogħla mill-mira rakkomandata mill-Kunsill. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà u l-previżjoni tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-miri tal-Programm ta' Stabbiltà huma konsistenti mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, iżda jeħtieġ li jkunu appoġġati minn miżuri speċifiċi mill-2015 'il quddiem. Saru passi sinifikanti 'l quddiem biex jittejjbu aspetti importanti tal-qafas fiskali Irlandiż u l-kwalità d-dispożizzjoni f'waqtha tad-data. Regoli attwali għal-limiti tan-nefqa għall-perijodu medju jippermettu bidliet diskrezzjonali mill-gvern li mhumiex limitati għal kontinġenzi predefiniti.

(1) Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

- (10) Riformi tat-taxxa kkontribwixxew għall-aġġustament fiskali, iżda għad hemm lok fejn isir titjib fl-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa u biex din tiffavorixxi aktar it-tkabbir. It-tassazzjoni fuq il-proprjetà kienet mibdula minn taxxa ta' transazzjoni għal waħda rikorrenti bbażata fuq il-valuri tal-proprjetà residenzjali, iżda l-bażi tat-taxxa għadu relattivament limitat hekk kif ċerti proprjetajiet jibqgħu barra mix-xibka tat-taxxa. It-tassazzjoni fuq ix-xogħol hija frammentata u kumplessa; u l-bażijiet tat-taxxa fuq il-konsum u t-taxxi ambjentali huma limitati minħabba rati mnaqqsa u eżenzjonijiet, waqt li tali taxxi huma aktar favorevoli għat-tkabbir. Rati tal-VAT ta' zero jew imnaqqsa jirriżultaw f'effiċjenza tal-VAT taħt il-medja tal-UE. Rati mnaqqsa tal-VAT huwa użati ħafna biex jinkisbu objettivi ta' ridistribuzzjoni minkejja li mhumiex għodda ta' politika effiċjenti u mmirata kif xieraq biex ikunu protetti gruppi vulnerabbli. Hemm skop li tittejjeb l-effikaċja tal-istrumenti tat-taxxa ambjentali u jitneħħew sussidji danneġġu għal-ambjent.
- (11) Minkejja li l-Irlanda għandha popolazzjoni relattivament żagħżuġha, in-nefqa pubblika fuq is-saħħa kienet fost l-ogħla fl-Unjoni fl-2012 bi 8,7% tal-ING, ogħla b'mod sinifikanti mill-medja ta' 7,3% tal-UE. Fid-dawl tad-diffikultajiet kurrenti fil-ġestjoni tal-baġit għas-saħħa, il-perssonijiet demografiċi mistennija minħabba fit-tixxijih tal-popolazzjoni fissru li l-livelli tas-servizzi kurrenti jistgħu jinżammu biss jekk jinkisbu gwadanni fil-valur għall-flus matul it-terminu medju u twil. Iż-żieda fin-nefqa relatata mas-saħħa sal-2060 minħabba fi perssonijiet demografiċi hija proġettata għal 1,2 punti perċentwali tal-PDG. L-isfidi għas-settur tas-saħħa għadhom bosta aspetti. Is-sistemi u l-proċessi tal-ġestjoni finanzjarja u dawk kontabilistiċi huma frammentati mal-fornituri tal-kura tas-saħħa. Dan jikkawża dewmien u ostakoli fil-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni. Dan ifixkel ukoll il-monitoraġġ tan-nefqa fuq is-saħħa u l-isforzi biex jinkiseb il-valur għall-flus u allokkazzjoni xierqa tar-riżorsi. Il-livell għoli ta' nefqa farmaċewtika huwa sfida oħra, bin-nefqa fuq il-mediċina għall-pazjenti esterni li hi komparattivament ogħla.
- (12) L-Irlanda tiffaċċa sfidi relatati mal-qgħad, partikolarment qgħad fit-tul u fost iż-żgħażaġh, u għad hemm popolazzjoni kbira fl-età tax-xogħol b'ħiliet baxxi, li tirriżulta finugwaljanza u nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet. Il-qgħad fit-tul waqa' gradwalment bit-tisħiħ reċenti tas-suq tax-xogħol, iżda għadu għoli bħala proporzjon tal-qgħad inġenerali, li jirrappreżenta iktar minn 61% tat-total fi tmiem l-2013. Ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh laqget il-quċċata fuq it-30% f'nofs l-2012. Barra minn hekk, il-proporzjon ta' żgħażaġh barra mill-impjeg, l-edukazzjoni jew it-taħriġ żdied bi 8 punti perċentwali bejn l-2007 u l-2012 għal 18,7% qabel ma beda jbatti għal 16,1% iżda għadu fost l-ogħla fl-Unjoni. Hemm il-ħtieġa li ż-żgħażaġh kollha jkunu koperti f'perijodu ta' erba' xhur, f'konformità mal-objettivi tal-garanzija għaż-żgħażaġh. Nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet ħarġu bl-ibbilanċjar mill-ġdid tal-ekonomija, biex b'hekk il-bidla fil-ħiliet u t-titjib tal-ħiliet saru sfida għas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja hija inqas mill-medja tal-UE (7,3% meta mqabbla mal-10,7% fl-2013).
- (13) L-Irlanda għandha waħda mill-ogħla proporzjonijiet ta' nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ta' xogħol fl-Unjoni, li toħloq sfidi soċjali serji. Il-proporzjon kien ogħla mill-medja tal-UE qabel il-kriżi u tela' minn 14,3% fl-2007 għal 24,2% fl-2011. Intensità tax-xogħol baxxa hija partikolarment gravi fost unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed bit-tfal. Dan ikkontribwixxa għal riskju dejjem jikber ta' faqar jew esklużjoni soċjali tat-tfal fl-Irlanda u jggrava l-kwistjoni tal-parteċipazzjoni inugwali tan-nisa fis-suq tax-xogħol li kienet ta' 67,2% fl-2013, meta mqabbla ma' 83,4% għall-irġiel. B'riżultat ta' dan, l-attenzjoni daret fuq l-aċċess għall-indukrar tat-tfal u l-affordabbiltà tiegħu, ostakolu sinifikanti għall-ġenituri li jsibu impjeg u jevitaw ir-riskju tal-faqar. Is-suq tax-xogħol huwa effettwat ukoll minn lakuni ta' nasses tal-qgħad. L-istruttura fissa tal-benefiċċji tal-qgħad fis-sistema tal-Benefiċċju għal min ifittex impjeg u dik ta' Allokkazzjoni għal min ifittex impjeg, id-durata bla limitu tal-allokkazzjoni għal min ifittex impjeg u t-telf ta' ħlasijiet supplementari (partikolarment, is-suppliment tal-kera u l-karti mediċi) mar-ritorn għall-impjeg jissarrfu frati ta' sostituzzjoni relattivament għoljin għal dawk qiegħed fit-tul b'potenzjal ta' dħul baxx u kategoriji oħra ta' ħaddiema skont iċ-ċirkostanzi familjari.
- (14) Is-self lil SMEs għadu dgħajef, u jirrifletti taħlita ta' talba għall-kreditu mnaqqsa u limiti fuq il-forniment, minħabba li l-SMEs ikomplu jkunu affettwati minn ingranaġġ eċċessiv u domanda domestika dgħajfa fil-waqt li l-banek jeħtieġ li jagħmlu progress ulterjuri fil-kisba ta' riżoluzzjonijiet sostenibbli fil-kotba tagħhom ta' self improduktiv lil SMEs. L-aħħar stħarriġ RED C jindika li, mit-35% tal-SMEs li talbu kreditu

mill-bank bejn Ottubru 2013 u Marzu 2014, 19 % kienu rrifjutati self. L-Uffiċju tal-Analiżi tal-Kreditu kien stabbilit fi tmiem l-2009 biex jaġixxi ta' medjatur bejn il-mutwanti u l-SMEs mutwatarji prospettivi li kienu rrifjutati l-kreditu. Minkejja li pożittivi, l-impatt tal-Uffiċju tal-Analiżi tal-Kreditu jidher li, sal-lum, kien pjuttost limitat, parzjalment minħabba li l-għadd ta' appelli kien pjuttost żgħir. L-SMEs jiddependu ħafna mill-finanzjament bankarju għall-investment, u sorsi mhux bankarji ta' finanza huwa relattivament sottożviluppati, minkejja li xi alternattivi, inklużi fondi ta' self, qegħdin fil-preżent ikunu eżaminati. Madankollu, hekk kif l-irkupru qed jaqbad ritmu mgħaġġel u hekk kif id-domanda domestika tirkupra, limitazzjonijiet fil-forniment x'aktarx jiżiedu sakemm il-kanali tal-kreditu ma jissewewwx b'mod adegwat, li huwa kruċjali għall-perspettiva ta' tkabbir. Skemi u fondi ddedikati ddaħħlu fis-seħħ biex itejbu l-aċċess għal finanzjament għall-SMEs, bħall-Iskema ta' Garanzija għall-Kreditu, l-Iskema ta' Fond għas-Self, l-Iskema ta' Fond għas-Self lil Mikrointrapriżi u tliet fondi għall-SMEs li twaqqfu, iżda sa issa l-użu tagħhom kien baxx.

- (15) Minkejja r-riformi fis-settur bankarju li saru fil-programm ta' assistenza finanzjarja li tlesta reċentement, għad baqa' sfidi sinifikanti. Dawn l-isfidi kienu analizzati fid-dettall fir-rieżami profond tal-Kummissjoni dwar l-Irlanda għall-2014. Is-self improduttiv kien jirrappreżenta kważi 27 % tat-total sa minn Ġunju 2013 għat-tliet banek domestiċi prinċipali. Id-dejn fis-settur privat għadu fost l-ogħla fl-Unjoni minkejja t-tnaqqis fl-ingranaġġ reċenti u dan għadu ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja u ta' piż fuq l-ekonomija. It-tnaqqis fl-ingranaġġ tal-unitajiet domestiċi u l-SMEs mhux lest, u t-tiswija tal-karta bilanċjali tal-banek u l-SMEs hija kritika għar-restawr tal-kanali tal-kreditu. Is-self bankarju kompli nieżel u s-settur bankarju qed ikollu diffikultà bil-profittabbiltà, parzjalment minħabba l-għadd għoli ta' self ipotekarju indiċzzat (assi legati b'rendiment baxx) fuq il-karta bilanċjali bankarji.
- (16) Il-kost biex ikunu eżegwiti l-kuntratti huwa għoli. It-tariffi tal-avukati jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kostijiet, bi 18,8 punti perċentwali u kostijiet għolja għas-servizzi legali jaffettwaw l-istruttura tal-kost tan-negozji kollha, inklużi l-SMEs. Addizzjonalment, għall-kuntrarju ta' servizzi professjonali oħra, il-kostijiet tas-servizzi legali naqsu milli jaġġustaw "l isfel minn meta bdiet il-kriżi, parzjalment minħabba kompetizzjoni insuffiċjenti. L-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jintroduċu riformi fis-settur tas-servizzi legali bħala parti mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku. Huma ppubblikaw Abbozz ta' Liġi dwar Regolament għas-Servizzi Legali fl-2011, li għad irid jidħol fis-seħħ. Ir-riżorsi ġudizzjarji u dawk tal-amministrazzjoni tal-qorti biex tkun implimentata l-ġestjoni attiva tal-kawża qabel il-proċess huma limitati ħafna, li jista' jkun li qed tikkontribwixxi għal dewmien fit-twettiq tal-ġustizzja u żżid il-kostijiet. Barra minn hekk, hemm lakuni sinifikanti fl-abbiltà tal-Irlanda li tiġbor data dwar l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Irlanda. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Irlanda imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċizzjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (7) hawn taħt.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-Irlanda u l-opinjoni tiegħu ⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) ta' hawn taħt.
- (19) Fid-dawl tar-reviżjoni bir-reqqa tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1), (3), (5) u (6) ta' hawn taħt.
- (20) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika fiż-Żona tal-Euro bħala entità sħiħa. Fuq din il-bażi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ⁽²⁾ Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro, l-Irlanda għandha wkoll tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u fwaqtha ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet,

(1) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(2) Ara paġna 141 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Irlanda tieġu azzjoni fil-perijodu 2014-2015 biex:

1. Timplimenta b'mod sħiħ il-baġit tal-2014 u tiżgura l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli sal-2015 billi tinfexx l-istrateġija baġitarja b'miżuri strutturali addizzjonali waqt li tikseb l-isforz tal-aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, tfittex li tikseb aġġustament strutturali lejn l-oġettiv fuq żmien medju ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG kull sena, u iktar f'kundizzjonijiet ekonomiċi tajba jew jekk meħtieġ li tiżgura li r-regola tad-dejn tkun sodisfatta sabiex id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika jitqiegħed fit-triq tan-niżla. Ittejjeb il-kredibbiltà tal-istrateġija tal-aġġustament fiskali, timplimenta b'mod effettiv l-ippjanar baġitarji pluriennali u tiddefinixxi miżuri baġitarji wisgħin li huma sottostanti għall-miri fiskali fuq żmien medju. Tiżgura n-natura vinkolanti tal-limitu massimu tan-nefqa tal-gvern inkluż billi tillimita l-ambitu statutorju għal bidliet diskrezzjonali. Tap-poġġa l-konsolidazzjoni fiskali filwaqt li tikkunsidra li żżid id-dħul permezz tat-twessigħ tal-bażi tat-taxxa. Ittejjeb it-tkabbir tas-sistema fiskali filwaqt li tara li din tiffavorixxi iktar l-ambjent.
2. Tavvanza r-riforma tas-settur tal-kura tas-saħħa li bdiet fil-qafas strateġiku tas-Saħħa Futura biex iżżid il-kosteffettività. Tfittex li ssegwi miżuri addizzjonali biex tnaqqas l-infiq farmaċewtiku, anki permezz ta' eżerċizzju aktar frekwenti ta' riallinjament tal-prezzijiet għall-mediċini brevettati, penetrazzjoni ikbar tal-mediċina ġenerika u prassi mtejbja tal-preskrizzjonijiet. Tirriforma s-sistemi tal-ġestjoni finanzjarja tal-awtorità nazzjonali tas-saħħa biex tissimplifika s-sistemi mal-fornituri kollha u tappoġġa ġestjoni aħjar tal-pretensjonijiet. Tintroduċi identifikaturi individwali tas-saħħa li jibdeu minn mhux aktar tard minn tmiem l-ewwel kwart tal-2015.
3. Tfittex li tikseb titjib ulterjuri fil-politiki attivi fis-suq tax-xogħol, b'iffukar partikolari fuq il-qgħad fit-tul, dawk b'ħiliet baxxi u, skont l-oġettivi tal-garanzija għaż-żgħażagħ, iż-żgħażagħ. Tavvanza r-riforma li tinsab għad-dejja tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ avvanzata (FET - Further Education and Training), l-iskemi ta' appoġġ għall-impjegji u l-programmi ta' apprendistat. Toffri aktar taħriġ fuq il-post tax-xogħol; ittejjeb u tiżgura r-rilevanza tal-korsijiet FET u tal-apprendistati fir-rigward tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Iżżid il-livell u l-kwalità tas-servizzi ta' appoġġ ipprovduti mill-uffiċċji tax-xogħol ta' Intreo. Iddaħħal fis-seħħ sistema ta' referenza għall-FET bejn l-uffiċċji Intreo u l-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ.
4. Tittratta l-intensità tax-xogħol baxxa tal-unitajiet domestiċi u tindirizza r-riskju tal-faqar tat-tfal permezz ta' rtirar gradwali tal-benefiċċji u tal-pagamenti supplimentari mar-ritorn għall-impjeg. Tiffaċilita l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għan-nisa billi ttejjeb l-aċċess għall-indukrar tat-tfal affordabbli u full-time, partikolarment għall-familji bi dħul baxx.
5. Tavvanza l-politiki għas-settur tal-SMEs inklużi inizjattivi li jindirizzaw id-disponibbiltà tal-finanzjament bankarju u mhux bankarju u l-kwistjonijiet ta' ristrutturar tad-dejn, filwaqt li tevita r-riskji fuq il-finanzi pubbliċi u l-istabbiltà finanzjarja. Tavvanza inizjattivi biex ittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-kreditu bankarju u għall-finanzjament mhux bankarju. Tintroduċi sistema ta' monitoraġġ għall-SMEs li jissellfu fis-settur bankarju. B'mod parallel, taħdem biex tiżgura li faċilitajiet mhux bankarji ta' kreditu, inkluż it-tliet fondi tal-SMEs kofinanzjati mill-Fond ta' Riżerva Nazzjonali tal-Pensjonijiet, Microfinance Ireland u l-iskema temporanja ta' garanzija tas-self, ikunu utilizzati aħjar. Tippromwovi l-użu ta' dawn l-iskemi u ta' skemi mhux bankarji oħra mill-SMEs. Ittejjeb il-viżibbiltà tal-Uffiċċju għall-Analiżi tal-Kreditu u l-kapaċitajiet fil-medjazzjoni ta' tilwimiet bejn il-banek u l-SMEs mutwatarji potenzjali li kienu miċħuda l-kreditu.
6. Timmonitorja l-prestazzjoni tal-banek kontra l-miri ta' ristrutturar tal-arretrati fuq self ipotekarju. Tħabbar miri ambizzjużi għat-tielet u r-raba' kwarti tal-2014, għall-banek prinċipali ta' self ipotekarju biex jipproponu u jikkonkludu soluzzjonijiet ta' ristrutturar għal self ipotekarju farretrati b'aktar minn 90 jum, bil-għan li jsolvu sostanzjalment l-arretrati fuq self ipotekarju sa tmiem l-2014. Tkompli tivvaluta s-sostenibbiltà tal-arranġamenti ta' ristrutturar konklużi permezz ta' awditi u analiżi fuq il-post immirata. Tiżviluppa linji gwida għad-durabbiltà tas-soluzzjonijiet. Tippubblika data regolari dwar il-portafolli ta' self bankarju lill-SMEs li turi l-arretrati tal-pagamenti biex ittejjeb it-trasparenza. Tiżviluppa strateġija biex tindirizza skoperturi morużi fuq proprjetà immobbli kummerċjali. Tistabbilixxi reġistru ċentrali tal-kreditu.

7. Tnaqqas il-kost tal-proċedimenti u s-servizzi legali u trawwem il-kompetizzjoni, inkluż billi tadotta l-Liġi dwar ir-Regolament dwar is-Servizz Legali sa tmiem l-2014, inkluż id-dispożizzjoni tiegħu li tippermetti l-istabbiliment ta' prattiki multidixxiplinari, u billi tfittex li tneħħi r-rahana tal-konsulent legali (solicitor). Tim-monitorja l-impatt tiegħu, inkluż il-kost tas-servizzi legali. Tiegħu passi eżekuttivi biex tiżgura li l-Awtorità Regulatorja tas-Servizz Legali topera mingħajr dewmien u li tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-leġislazzjoni, inklużi t-termini għall-pubblikazzjoni tar-regolamenti jew il-linji gwida għall-prattiki multidixxiplinari u s-soluzzjoni tal-ilmenti. Ittejjeb is-sistemi tal-ġbir tad-data biex ittejjeb il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effiċjenza tal-proċedimenti ġudizzjarji biex tidentifika kwistjonijiet li jeħtieġu riforma.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

P. C. PADOAN
